MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 13/2011/2

**Lawrence Axiak**

**Vs**

**Joseph Axiak**

Dawn il-proceduri jitrattaw talba biex tithassar sentenza li nghatat minn din il-qorti fit-28 ta' Novembru 2012 u ritrattazzzjoni tal-appell li kien sar minn Joseph Axiak wara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-30 ta' April 2012.

Il-kaz jitratta dwar talba ghall-hlas ta' 438.46 ewro ghall-spejjez extra- gudizzjarji li r-ritrattand (Lawrence Axiak) kien appremetta li ghamel in konnessjoni ma' kawza li kien ghamel kontra r-ritrattat.

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar kien laqa' t-talba tar-ritrattand u kkundanna lir-ritrattat sabiex ihallsu s-somma ta' 350 ewro. Joseph Axiak appella u l-aggravji kienu:-

i. Il-gudikatur kellu kunflitt ta' interess ghaliex hu difensur ta' Lawrence Axiaq fil-kawza **Lawrence Axiaq vs Raymond Galea et** (75/2009);
ii. L-ispejjez li Lawrence Axiaq kien qieghed jitlob f'dawn il-proceduri ma jmisshom qatt ikunu a karigu tal-konvenut (ritrattat).

B'sentenza tat-28 ta' Novembru 2012 din il-qorti laqghet l-appell u cahdet it-talba tal-attur Lawrence Axiak. Ir-raguni li tat il-Qorti tal-Appell ghalfejn laqghet l-appell hi:-

*"….. il-pronunzjament li sar fid-decizjoni appellata li tali spejjez ghall-istruzzjoni ta' kawza ta' parti, oltre dawk li huma spejjez gudizzjarji, ghandhom jigu sopportati wkoll mill-parti telliefa, huwa kuncett fl-opinjoni ta' din il-Qorti zbaljat u allura non sequitur."*.

It-talba ghar-ritrattazzjoni hi bbazata fuq il-fatt li l-qorti naqset milli tapplika l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 peress li l-meritu kien taht is-somma ta' 1,164.69 ewro. Ir-ritrattand isostni li gialadarba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet titratta dwar nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni li t-Tribunal ta lill-ligi u s-somma kienet taht 1,164.69 ewro, allura ma setax isir appell ghaliex dan ma kienx wiehed mill-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380.
L-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jipprovdi rimedju ta' ritrattazzjoni:-

*"jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*
*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni"*.
Principju kardinali hu li:-
*" […] r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk, jista' jigi invokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u inoltre, id-*

*disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Ghalhekk ma jistax jigi permess li taht l-pretest ta' ritrattazzjoni, l-litigant sokkombenti jkun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza."* (**Charles Caruana vs Giuseppa Gauci et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Lulju 1995).

F'ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811(e) irid jintwera li l-gudikant ikun applika l-ligi hazina ghall-kaz. F'dan il-kaz meta l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat l-aggravju dwar il-meritu ma kkunsidratx jekk l-aggravju kienx jaqa' taht xi wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 li minhabba fihom jista' jsir appell irrispettivament mill-ammont li jkun qieghed jintalab fil-kaz. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li l-qorti sempliciment ghaddiet biex tikkunsidra jekk legalment l-appellat kellux jedd ghall-hlas li kien qieghed jippretendi, u kkonkludiet li ma kellux. B'dan il-mod gie deciz il-meritu.

Fis-sentenza **John Attard vs Charles Agius** deciza fl-14 ta' Gunju 2001 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), gie osservat li ghal finijiet tal-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380:-

*" [….] l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghal ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsidrat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' appellabilita' previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bhala irritu u null."*.

Ir-ritrattand isostni wkoll li kien *" [….] eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti izda l-Qorti lanqas biss tat kaz tal-eccezzjoni la fil-parti razzjonali u lanqas fid-decide u ghalhekk jigi li ma haditx konjizzjoni taghha."*. Il-qorti ma taqbilx in kwantu fl-ebda parti tat-twegiba ghall-appell ma ddikjara li l-Qorti tal-Appell ma kellix kompetenza biex tiehu konjizzjoni tal-appell. Eccezzjoni simili trid tinghata b'mod car u mhux tkun mohbija f'xi argumenti li jsir fit-twegiba. F'dan il-kaz l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 issemma fl-estratt ta' sentenza li r-ritrattand iccita go *footnote* (fol. 62), fejn kien qieghed iwiegeb ghall-aggravju tal-appellant li l-gudikatur ma kienx imparzjali peress li kien qieghed jassisti lil Lawrence Axiaq f'kawza ohra. Fir-rigward tat-tieni aggravju, fit-twegiba l-appellat ma tax l-eccezzjoni li

din il-qorti ma kellix kompetenza minhabba li l-aggravju ma kienx wiehed minn dawk kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Dwar dan l-aggravju l-appellat, illum ritrattand, illimita ruhu biex jaghti l-kummenti tieghu ghalfejn is-sentenza kellha tigi kkonfermata, fosthom li t-Tribunal kien ghamel l-apprezzament tal-provi u l-appellant ma setax jippretendi li dan l-ezercizzju jsir mill-gdid.

Fil-kawza **Joseph Paul Vella proprio et nomine et vs Raymond Spiteri et** deciza mill-Prim'Awla (Imhallef P. Sciberras) fis-7 ta' Frar 2003, il-Prim'Awla osservat:-

*" [….] l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm **vjolazzjoni manifesta tal-ligi, espressa u cara**, u **mhux suggetta ghal interpretazzjoni, razzjocini jew argumenti** (ara inter alia, Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et, Qorti tal-Appell, 24 ta' Jannar, 1997, Vol. LXXXI (1997), pt.II, sezz II, p. 188)."*[1] (enfazi tal-qorti).

L-ilment tar-ritrattand jista' jigi spjegat mill-fatt li l-Qorti tal-Appell naqset milli titratta u tippronunzja ruhha dwar jekk l-appellant kellux dritt jappella fil-meritu peress li l-kaz kien jitratta dwar talba ta' hlas ghall-inqas minn 1,164.69. Bil-mod li jargumenta r-ritrattand ikun ifisser li f'kull appell fejn l-ammont ikun inqas minn 1,164.69 ewro il-Qorti tal-Appell ghandha dmir li *ex officio*, jekk ma tinghatax eccezzjoni formali fit-twegiba tal-appell, tiddikjara jekk l-appell huwiex null wara li tqis jekk l-aggravji humiex wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Fin-nuqqas hemm lok ta' ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti ma taqbilx li 'l fatt li l-Qorti tal-Appell *ex officio* ma kkunsidratx jekk l-appell ta' Joseph Axiak kienx null minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 ghandu jaghti lok ghal ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, meta tqies li:-

i. Fis-sentenza l-qorti ma ghamlet l-ebda riferenza ghal xi provvediment ta' ligi li a bazi tieghu hadet konjizzjoni tat-tieni aggravju tal-appell. Fis-sentenza **Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (6 ta'

---

[1] Ara wkoll sentenzi **Azzopardi vs Galea** (Vol. VII.526) u **Ferro vs Housing Secretary** (Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Frar 1977).

April 2005), din il-qorti[2] kkonfermat li hemm lok ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) fejn il-qorti tkun applikat *"… ghal dak il-meritu ligi zbaljata u* ***cjoe ligi minflok ohra."*** (enfazi tal-qorti). Dan m'huwiex it-tip ta' kaz li qieghed jigi kkunsidrat illum.

ii. L-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jezigi li min jitlob ritrattazzjoni minhabba applikazzjoni hazina ta' ligi, *"[….] ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata*". Ir-ritrattand ghamel riferenza ghall-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Hi kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 jekk l-appellant kellux jedd iressaq it-tieni aggravju tal-appell li pprezenta mis-sentenza tat-Tribunal. Ir-ritrattand jaghmilha fatta li l-appell ma setax isir ghaliex l-ammont kien taht 'l 1,164.69 ewro u l-aggravju ma kienx wiehed mill-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Il-qorti ma taqbilx li l-affarijiet huma daqstant cari li m'hemmx htiega ta' interpretazzjoni. Qed jinghad hekk meta tikkunsidra li skond l-Artikou 8(2)(d) jista' jsir appell f'kull kaz meta fis-sentenza it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-ekwita' skond il-ligi. Materja li hi soggetta ghall-interpretazzjoni li zgur li ma tistax issir f'dan il-process.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Novembru 2012 u ghar-ritrattazzjoni tal-kawza Lawrence Axiak vs Joseph Axiak (13/11), bl-ispejjez kontra r-ritrattand**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Imhallef P. Sciberras.